# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## IMĦALLEF
## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

### Illum l-Erbgħa, 16 ta' Marzu 2016

**Kawża Nru: 15**

**Rikors Ġuramentat Nru: 432 / 13 JA**

**Antonia Pisani; Maria Giardina; Nazzarena *sive* Rena Massa; William Xuereb; Salvu Xuereb; Concetta *sive* Cettina Xuereb; Maria Dolores *sive* Doris Xuereb; Magda Attard; u Caroline Depasquale**

**-vs-**

**Grezzju Seychell**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf ippreżentat mill-atturi fis-7 ta' Mejju 2013 fejn ġie premess:

Illi huma propjetarji tal-għalqa magħrufa bħala 'Tal-Melħ' *sive* 'Tal-Latnija' *sive* 'Ta' Krawla' limiti ta' Marsascala li ġiet għandhom b'wirt kif jispjegaw waqt il-kawża. (Dok 'A')

Illi din l-istess għalqa kienet imqabbla lil Anġlu Mizzi li miet xi ftit snin ilu.

Illi mingħajr ebda titolu validu fil-liġi l-konvenut Grezzju Seychell qabad u daħal f'din l-għalqa indikata bl-ittra 'F' fuq Dok 'B' mingħajr awtorizzazzjoni ta' ħadd u beda jaħratha.

Illi l-konvenut ġie interpellat diversi drabi biex joħroġ mill-art tagħhom inkluża b'ittra interpellatorja tal-10 ta' Lulju 2010 iżda baqa' inadempjenti.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-konvenut qiegħed jokkupa l-art tal-atturi u ċjoe' l-għalqa Ta' Krawla limiti tal-Bidni f'Marsascala mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

2. Tordna lill-istess konvenut joħroġ mill-għalqa 'l fuq imsemmija proprjetá tagħhom.

3. Tordna lill-istess konvenut jneħħi kwalunkwe mobbli li jista' għandu fuq l-art tal-atturi fi żmien qasir u perentorju u tagħtihom dak il-kumpens xieraq skond il-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut li huwa nġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Grezzju Seychell fl-10 ta' Ġunju 2013 fejn eċċepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju, l-azzjoni attriċi għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha, *stante* illi l-atturi ma għandhomx l-interess ġuridiku rikjest mil-

Liġi sabiex iressqu l-azzjoni odjerna, u dana *stante* li huma ma wrewx li għandhom jew li qatt kellhom il-proprjetá, jew kwalsiasi dritt ieħor fuq l-art in kwistjoni.

2. Illi wkoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju, l-esponenti ma għandux il-pussess tal-art kollha ndikata mill-atturi fil-pjanta annessa mar-rikors promotur bħala Dok. 'B', hekk kif allegat mill-istess atturi, u kwindi, l-azzjoni attriċi hija intempestiva għar-rigward tal-parti tal-art indikata mill-atturi li ma hijiex fil-fatt okkupata mill-esponenti.

3. Illi wkoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju, jeżistu fil-każ odjern l-elementi kollha rikjesti mil-liġi għall-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2143 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fil-mertu, l-azzjoni attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha, *stante* illi m'huwiex minnu li l-esponenti qiegħed jokkupa l-art mertu tal-kawża mingħajr titolu validu fil-Liġi.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits u semgħet il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Jannar 2016 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi għamlu t-trattazzjoni tagħhom;

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mill-atti tal-kawża l-Qorti għandha quddiemha kawża rivendikatorja u dan huwa evidenti mit-talba attriċi. Hu risaput tradizzjonalment illi f'kawża simili l-attur irid jipprova t-titolu tiegħu mingħajr ebda ombra ta' dubju – ara per eżempju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fl-1958 fil-kawża fl-ismijiet **"Giuseppe Borg vs Ġużeppi Buhagiar"**. F'dik il-kawża ntqal illi kwalunkwe dubju għandu *jimmilita favur il-konvenut possessur.* Din hija biss eżempju għaliex hemm diversi sentenzi oħra simili. Wieħed jista' jsib rassenja dettaljata tagħhom fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **"Anthony Mercieca vs Anthony Buhagiar"** fit-23 ta' Ottubru 2001. Fiha ġie ċitat ukoll l-awtur **Torrente** fejn qal:

*"La rivendicazione e' la principale delle azioni petitorie ed e' concessa a favore di colui che si afferma propietario di un bene, ma non avendo il possesso, ne pretende la consegna da colui che lo possiede o detiene. L' attore in conformita' delle regole generali, ha l' onere di dimostrare il suo diritto; percio' se l' acquisto non w' a titolo originario. Ha l' onere di dare la prova del suo titolo di acquisto dei precedenti titolari fino ad arrivare ad un acquisto a titolo originale. A voler andare all' infinoto, la prova sarebbe, se non addirittura impossibile, estremamente difficile (gli antichi parlavano di probatio diabolica)."*

Illi fis-snin riċenti din il-pożizzjoni ċċaqalqet xi ftit tant illi l-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijet **"John Vella et vs Sherlock Camilleri"** deċiża fit-12 ta' Diċembru 2002 adottat pożizzjoni differenti billi qalet illi *"l-Qrati tagħna, konsapevoli bid-diffikoltá li ssir tali prova u fl-interess tal-ġustizzja aċċettaw il-possibbiltá li l-attur jirnexxi fil-kawża li ii jagħmel in forza tal-**actio publiciana**. Hekk fil-kawża **"Attard nomine vs Fenech"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1875 (Vol VII p 390) osservat, 'che l' azione intentaa dell' attore nel suo libello quale procuratore dell' assente Angelo*

*Zarb e' duplice, la rivendocaoria e la publicana, giusta i principii della leggeromana; colla prima l' attore deve provare di aver il dominio della cosa che vuole rivendicare; colla seconda di averne avuto il possesso e di possederla il convenuto con un diritto minore e piu debole del suo. Che e' ricevuto nel foro che le dette due azioni si possono cumulare ed esercitare alternattivamente, nonostante che anche tendono allo stess oggetto. (Ara wkoll* ***"Fenech vs Debono"*** *deċiża mill-Prim Awla fl-14 ta' Mejju 1935).* Wieħed għalhekk jara li għalkemm dan huwa żvilupp tal-aħħar snin, kienu ġja' jeżistu sentenzi ta' mitt sena qabel f'dan is-sens.

Illi mill-atti preżentati mill-atturi **jidher ċar li l-proprjetá in kwistjoni hija tagħhom**; da parti tiegħu l-konvenut ma ta ebda spjegazzjoni oħra ta' kif qed jokkupa l-art in kwistjoni u allura ma hemm ebda raġuni għaliex wiehed jiddubita mill-allegazzjoni fir-rikors li l-konvenut qed jokkupaha abużivament.

Illi fi kliemu stess, kien iħallih jaħdimha l-kerrej ta' dak iż-żmien Angelo Mizzi, li miet xi snin ilu, u għalhekk ippretenda li kellu jibqa' jaħdimha hu (fol 69). Kwindi anke l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trentennali eċċepita minnu ma tapplikax għaliex huwa kien qed jokkupaha f'isem ħaddieħor (artikolu 2118 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili) u kien dejjem jaf li Mizzi kien il-kerrej tant li meta talbu biex ibiegħhielu qallu li ma setax għax ma kinitx tiegħu, iżda li l-konvenut kellu jħallsu biex huwa jħallas lil ħaddieħor (is-sidien).

Illi kif ġie osservat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **"Saviour Zammit vs Joseph Galea et"** (deċiż fit-30 ta' Marzu 2001) il-kliem *'bla titolu'* espressi f'att ġudizzarju promotur, *kellu jinqara fis-sens limitat li l-Qorti kellha tindaga u tistabbilixxi l-eżistenza tat-titolu fil-konfront tal-attur li jkun ippropona l-kawża kontra l-konvenut li jkun qiegħed jokkupa l-fond tiegħu. Ma kienx allura biżżejjed għall-konvenut illi hu jkun qiegħed*

*jippossjedi l-fond bis-saħħa ta' relazzjoni ġuridika leġittima, kienet x'kienet, li kellu ma' xi ħadd, kien min kien. Kellu jipprova illi tali relazzjoni ġuridika leġittima kienet teżisti bejnu u bejn l-attur.*

Illi għalhekk il-kawża ma fiha ebda diffikulta' għall-Qorti.

Illi infatti l-provi mressqa mill-atturi ma ġewx ribattuti u għalhekk jirriżultaw it-talbiet kollha tagħhom; madankollu ma saritx prova dwar il-kumpens li talbu u għalhekk il-Qorti se tastjeni milli tiddeċiedi fir-rigward.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, kompriża dik tal-preskrizzjoni, tilqa' t-talbiet kollha attriċi ħlief li tastjeni milli tipprovdi dwar il-kumpens – għall-fini tat-tieni u t-tielet talba tipprefiġġi terminu ta' xahar – u tikkundanna lill-konvenut biex iħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Joseph Azzopardi LL.D.** | **Mario Debono** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |